TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/3/12/S

Freddie Spiteri
Vs
Unicare Limited

Illum 25 ta'Jannar,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Freddie Spiteri pprezentata fis-6 ta'Jannar,2012 u r-risposta tas-socjeta Unicare Limited datata 6 ta'Marzu,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni fis-seduta tad-29 ta'Novembru,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'power wheelchair' li skont l-attur ma kienx jahdem kif suppost filwaqt li s-socjeta konvenuta rrispondiet li l-allegat ilment jirrigwarda l-batteriji li jispiccaw malajr minhabba t-telghat li hemm fejn joqghod l-attur;

Illi jinghad mal-ewwel li konsumatur ghandu jaghmel cert li l-oggett li se jinxtara, hu idoneu ghac-cirkostanzi u l-bzonnijiet partikolari tieghu;

Illi jidher car fid-dokumentazzjoni pprezentata (Dok A), li hemm certu kundizzjonijiet li jkollhom effett fuq l-uzu tal-'power wheel chair';

Illi l-kundizzjoni tal-batteriji u l-art fejn jinstaq huma fatturi li jkollhom effett dirett fuq il-'performance' tal-'wheelchair';

Illi l-attur ma gab ebda prova li l-oggett in kwistjoni kien difettuz;

Illi hu probabbli li l-ilment tal-attur dwar il-batteriji, kien rizultat li dawn jinhlew malajr ladarba uzat fit-telghat tal-Belt Valletta fejn l-attur joqghod;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Illi jigi sottolineat li dan it-Tribunal, kif obbligat li jaghmel, gharbel minn lenti kritika dak li stqarrew il-partijiet pero t-Tribunal, wara li ukoll ezamina l-atti kollha, ma sab ebda nuqqas ta' konformita fl-oggett mibjugh;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta Unicare Limited u Jichad it-talba tal-attur Freddie Spiteri, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888